# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 29 ta' Novembru, 2018**

**Kawża Nru. 1**

**Ċitazz. Nru. 727/05JRM**

**MIDDLE SEA INSURANCE P.L.C.** kif surrogata abbażi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* u skond il-liġi, fid-drittijiet ta' l-assikurata tagħha is-Soċjetà Islander Tourist Services Limited u l-istess Islander Tourist Services Limited

vs

Stefan **GALEA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Awwissu, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi, fil-kwalità tagħha fuq imfissra, talbet li din il-Qorti (i) ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-ħabta li seħħet bejn żewġ karozzi kmieni filgħodu tal-24 ta' Lulju, 2004, fi Triq il-Kosta, Naxxar, bejn il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni STF 975 misjuqa mill-imħarrek u l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HVY 009 tal-kumpannija

assikurata Islander Tourist Services Limited; (ii) tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija assikuratriċi attriċi s-somma ta' sebat elef u sbatax-il lira Maltin (Lm 7,017)[1], jew somma oħra verjuri, minnha mħallsa lill-assikurata tagħha fuq is-saħħa tal-polza ta' assikurazzjoni u liema somma tirrappreżenta d-danni konsegwenzjali mġarrba bħala riżultat tal-ħabta msemmija, flimkien mal-imgħaxijiet fuq l-imsemmija somma; (iii) tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi assikurata Islander Tourist Services Limited is-somma ta' tlitt mitt lira Maltin (Lm 300)[2] rappreżentanti d-danni minnha mġarrba in linea ta' ħlas *excess* skond il-polza ta' assikurazzjoni, minħabba l-ħabta msemmija, flimkien mal-imgħaxijiet fuq l-imsemmija somma; (iv) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, id-danni kollha mġarrba mill-kumpannija attriċi assikurata Islander Tourist Services Limited b'riżultat tat-telf ta' qligħ mill-użu tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HVY 009, b'riżultat tal-ħabta msemmija; u (v) tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi assikurata Island Tourist Services Limited is-somma tad-danni konsegwenzjali kif hekk likwidata. Talbet ukoll l-ispejjez, magħduda dawk tal-ittri uffiċjali u kif ukoll l-imgħax legali;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Awwissu, 2005[3], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-kumpanniji attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-30 ta' Jannar, 2006, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad kull ħtija għall-inċident u qal li l-ħtija kollha jġorrha s-sewwieq l-ieħor involut fil-ħabta. Jikkontesta d-danni mitluba u jgħid li m'għandux ibati danni. Jgħid li kemm-il darba l-ewwel talba attriċi tintlaqa' w il-kontestazzjoni tiegħu dwar il-*quantum* tad-danni pretiżi mill-kumpannija attriċi, m'għandux ibati l-ħlas ta' imgħax. Jikkontesta t-tielet u r-raba' talbiet attriċi u jgħid li m'hemm ebda dannu x'jiġi likwidat favur il-kumpannija attriċi. Jgħid ukoll li m'għandu jbati ebda spejjeż ġudizzjarji fir-rigward tat-tielet talba attriċi li saret għalxejn għaliex kollox seta' nġabar taħt ir-raba' talba. Illi kemm-il darba l-ewwel talba attriċi tintlaqa' u l-kontestazzjoni tiegħu dwar il-*quantum* tad-danni pretiżi mill-kumpannija attriċi, m'għandhiex tintlaqa' t-talba għall-ħlas ta' mgħax magħmula fit-tielet talba. Itemm jgħid li l-ħames talba attriċi m'għandhiex tintlaqa' billi m'hemmx lok għal kundanna ta' ħlas ta' danni lill-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpanniji attriċi fit-3 ta' Marzu, 2009[4], bix-xhieda bl-affidavit u l-provi dokumentali mressqa għall-finijiet tad-degriet tal-11 ta' Awwissu, 2005;

[1] Li jġibu € 16,345.21 fi flus tallum
[2] Li jġibu € 698.81 fi flus tallum
[3] Paġ. 6 tal-proċess
[4] Paġġ. 14 sa 28 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2009[5], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat il-verbal tal-25 ta' Settembru, 2009[6], quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, li bih l-imħarrek stqarr li ma kienx qed jikkontesta l-ammont tad-danni pretiżi;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju mill-partijiet;

Rat il-verbal tal-1 ta' Diċembru, 2011[7], li bih il-Qorti tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fid-9 ta' Marzu, 2012[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek tat-22 ta' Mejju, 2012[9], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet[10];

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni minħabba ħabta bejn żewġ karozzi. Il-kumpannija attriċi assikuratriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "MSI") wara li għamlet tajjeb lill-assikurata tagħha Islander Tourist Services Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "ITSL") għall-ħsara mġarrba minnha wara l-imsemmija ħabta, tgħid li għal dik il-ħabta kien jaħti biss l-imħarrek u qiegħda tfittxu biex iħallasha lura kumpens ta' €16,345.21 li hija ħallset lil ITSL fuq is-saħħa tal-polza tal-għamla *comprehensive*, liema somma kienet tirrappreżenta l-ħsara mġarrba mill-vettura ta' ITSL li kienet imdaħħla fil-ħabta mal-karozza misjuqa mill-imħarrek. Min-naħa tagħha, ITSL qiegħda tfittex lill-imħarrek għall-ammont ta' €699 (ekwivalenti għal Lm300) li hija kellha terfa' bħala '*excess*' skond l-imsemmija polza. L-istess ITSL, min-naħa l-oħra, qiegħda tfittex lill-imħarrek ukoll għad-

[5] Paġ. 32 tal-proċess
[6] Paġ. 101 tal-proċess
[7] Paġ. 248 tal-proċess
[8] Paġġ. 250 sa 268 tal-proċess
[9] Paġġ. 271sa 286 tal-proċess
[10] Paġ. 288 tal-proċess

danni li hija ġarrbet b'rabta mal-imsemmija ħabta minħabba f'telf ta' qligħ bħala riżultat tal-ħsarat fil-vettura tagħha;

Illi l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad kull ħtija għall-inċident u qal li l-ħtija kollha jġorrha s-sewwieq l-ieħor involut fil-ħabta. Jikkontesta d-danni mitluba u jgħid li m'għandux ibati l-ħlas tal-ebda danni li setgħu saru fil-vettura l-oħra. Jgħid li kemm-il darba l-ewwel talba attriċi tintlaqa' w il-kontestazzjoni tiegħu dwar il-*quantum* tad-danni pretiżi mill-kumpannija attriċi, m'għandux ibati l-ħlas ta' imgħax. Jikkontesta t-tielet u r-raba' talbiet attriċi u jgħid li m'hemm ebda dannu x'jiġi likwidat favur il-kumpannija attriċi ITSL. Jgħid ukoll li m'għandu jbati ebda spejjeż ġudizzjarji fir-rigward tat-tielet talba attriċi li saret għalxejn għaliex kollox seta' nġabar taħt ir-raba' talba. Illi kemm-il darba l-ewwel talba attriċi tintlaqa' u l-kontestazzjoni tiegħu dwar il-*quantum* tad-danni pretiżi mill-kumpannija attriċi ITSL tintlaqa' wkoll, m'għandhiex tintlaqa' t-talba għall-ħlas ta' mgħax magħmula fit-tielet talba. Itemm jgħid li l-ħames talba attriċi m'għandhiex tintlaqa' billi m'hemmx lok għal kundanna ta' ħlas ta' danni lill-kumpannija attriċi ITSL;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li ITSL hija sid ta' vettura tal-għamla *Ford Transit* bin-numru tar-reġistrazzjoni HVY 009 reġistrata mal-Awtorità tat-Trasport bħala *garage hire vehicle*[11]. Nhar l-24 ta' Lulju, 2004, Mario Briffa, impjegat mal-istess ITSL, assista żewġ turisti ta' nazzjonalità Irlandiża, Richard u bintu Rebecca Rice, biex iwassalhom l-ajruport. It-titjira lejn l-Irlanda kienet għall-ħabta tat-8.30 ta' filgħodu, u Briffa ġabar lil Rice minn Lukanda fil-Qawra għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħodu. Dak il-ħin, kien għadu qiegħed jisbaħ u l-wiċċ tat-triq ma kienx imxarrab b'xita għax kien bnazzi[12]. Ma jidhirx lanqas li dak il-ħin kien hemm xi traffiku ieħor għaddej minn qrib fejn seħħet il-ħabta;

Illi Briffa jgħid li kien qed isuq b'veloċità ta' mhux aktar minn erbgħin (40) kilometru fis-siegħa[13]. Jistqarr li kien qed isuq fin-nofs tal-kareġġata tiegħu fid-direzzjoni lejn Baħar iċ-Ċagħak bil-ħsieb li jdur lejn it-triq li tagħti għat-telgħa "Ta'Alla w Ommu" fin-Naxxar[14]. Iżid jgħid li, wara li qabeż il-liwja ta' Kennedy Grove fi Triq il-Kosta[15], ra vettura ġejja mid-direzzjoni opposta, fid-direzzjoni lejn San Pawl il-Baħar, li kienet qiegħda ddur il-liwja fi Triq il-Kosta qabel ma tikser għat-telgħa magħrufa bħala "t'Alla u Ommu" ġewwa s-Salina. Il-vettura kienet tal-għamla *Alfa Romeo* bin-numru ta' reġistrazzjoni STF 975 misjuqa mill-imħarrek. Fi kliem Briffa, l-imħarrek kien qed isuq b'veloċità qawwija ħafna, tant li x'ħin dar il-liwja qabeż il-linja u spiċċa fuq il-karreġġata

---

[11] Ara x-xhieda ta' Brian Farruġia f'paġ. 52 tal-proċess
[12] Dok "MB1" f'paġġ. 152 u 166 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda ta' Mario Briffa mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 188 tal-proċess
[14] *Ibid* paġ. 198 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda ta' Mario Briffa mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 201 tal-proċess

tiegħu, jiġifieri dik li tagħti għal San Ġiljan. Bil-ħsieb li jevitah, Briffa kiser il-vettura kemm jista' jkun lejn ix-xellug, tkaxkar mal-bankina iżda xorta ntlaqat minn Galea[16]. Il-vettura ta' Briffa inqalbet lil hinn minn fejn seħħet il-ħabta[17] u spiċċat fuq id-*double line* fil-kareġġata tiegħu filwaqt li dik tal-imħarrek Galea spiċċat fuq id-*double line* fuq il-karreġġata ta' Briffa[18]. Din il-verżjoni tal-fatti ġiet korroborata mill-passiġġieri Rice li kienu riekba fil-vann misjuq minn Briffa[19];

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrek jgħid li kien qed isuq fuq in-naħa tiegħu, viċin in-nofs tat-triq, b'veloċità ta' madwar sittin (60) kilometru fis-siegħa, meta ra l-vann misjuq minn Briffa ġej b'veloċità kbira għal fuqu. Dak il-ħin iż-żewġ vetturi ħabtu ma' xulxin[20]. Il-vann ta' ITSL ġarrab ħafna ħsarat mal-ħabta u malli nqaleb;

Illi MSI, fuq rakkomandazzjoni tas-*surveyor* li ikklassifika l-vettura bħala "*beyond economic repair*"[21], offriet lill-ITSL, li f'Novembru tal-2004, aċċettat ħlas għas-saldu fl-ammont ta' sebat elef u tlitt mitt Lira (Lm7,300)[22]. Għal dan ir-rapport, MSI ħallset lis-*surveyor* l-ammont ta' sbatax-il Lira (Lm17)[23];

Illi, minkejja r-rakkomandazzjoni tas-*surveyor*, ITSL għażlet li ssewwi l-vann[24]. Sakemm saru t-tiswijiet meħtieġa, il-vettura għamlet numru ta' xhur wieqfa[25]. ITSL tqis li n-nuqqas ta' użu tal-vann sakemm issewwa swielha erbatax-il elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlettax-il ċenteżmi (€14,293.13) f'telf ta' qligħ[26];

Illi l-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek Galea, Atlas Insurance, qabbdet espert sabiex jagħmel rikostruzzjoni tal-inċident u jħejji rapport. L-espert *ex parte* wasal għall-fehma li Briffa kien qed isuq b'veloċità eċċessiva ta' madwar sebgħa u sebgħin (77) mil fis-siegħa[27]. L-espert jistqarr li kellem biss lill-imħarrek (u mhux ukoll lis-sewwieq l-ieħor u lanqas lill-passiġġieri li kienu rekbin miegħu) u ikkonsulta xi dokumenti li għaddietlu l-assikurazzjoni tal-istess imħarrek[28];

---

[16] Ara l-verzjoni tal-fatti mogħtija minn Mario Briffa lill-Pulizija dak in-nhar tal-inċident – Dok. JM f'paġ. 108 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Mario Briffa mogħtija b'affidavit f'paġ. 21 tal-proċess u dik mogħtija fil-kontro-eżami f'paġġ. 184 sa 198 tal-proċess
[17] Ara Dokti "RC2" u "RC3", f'paġġ. 75 – 6 tal-proċess
[18] Ara l-iskizz Dok "RC1" f'paġ. 74 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Richard Rice f'paġġ. 77 sa 90 u dik ta' Rebecca Rice f'paġġ. 91 – 8 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda tal-imħarrek Stefan Galea f'paġ. 119 – 120 tal-proċess
[21] Ara Dok. "RB4" f'paġ. 26 tal-proċess, Dok. "RB3" f'paġ. 23 tal-proċess u Dok. "PM1" f'paġ. 25 tal-proċess
[22] Ara Dok. "AM1" f'paġ. 18 tal-proċess
[23] Ara Dok. "RB4" f'paġ. 26 tal-proċess
[24] Affidavit ta' Antoine Micallef f'paġ. 17 tal-proċess
[25] Ara Dok. "AM3" f'paġ. 19 tal-proċess u x-xhieda ta' Brian Farruġia f'paġġ. 53 – 4 tal-proċess
[26] Ara Dok. RB1 f'paġ. 17 tal-proċess, Dok. "AM2" f'paġ. 19 tal-proċess, Dok. "AM3" f'paġ. 20 tal-proċess u x-xhieda ta' Charles Scerri f'paġġ. 35 – 9 tal-proċess
[27] Li jsarrfu f'124 kilometru fis-siegħa. Ara Dok. "MB1" f'paġġ. 147 sa 167 tal-proċess
[28] Xhieda ta' Mario Buttiġieġ fil-kontro-eżami, f'paġġ. 229 sa 242 tal-proċess

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza tat-23 ta' Jannar, 2006, ikkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fid-19 ta' April, 2005, li kienet sabet li Galea kien jaħti għall-inċident[29]. Min-naħa l-oħra, Briffa ħareġ liberat permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-28 ta' Ġunju, 2005[30];

Illi l-kumpanniji attriċi fetħu din il-kawża f'Awwissu tal-2005;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jirrigwardaw il-każ huma marbuta mal-mertu, jiġifieri min jista' jitqies responsabbli għal dak li ġara. Ta' min jgħid li, dwar l-ammont tad-danni mġarrba ma hemm l-ebda kwestjoni bejn il-partijiet, u dan għaliex hemm dikjarazzjoni espressa mill-imħarrek fl-atti tal-kawża li tgħid li l-ammont ta' danni m'huwiex kontestat[31]. Il-kontestazzjoni li fadal bejn il-partijiet hija biss dwar il-ħtija għall-ħabta;

Illi r-rimedju li qed ifittxu l-atturi huwa dak li joħrog mid-delitt jew kważi-delitt li jorbot lil kull persuna li tagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri bl-għemil (jew nuqqas ta' għemil) tagħha[32]. Il-ligi teħles mir-responsabbiltà ta' xi għemil li jġib il-ħsara, dak kollu li jseħħ minħabba aċċident jew minħabba forza maġġuri[33]. Madanakollu, ma jitqiesx li jkun seħħ b'aċċident dak li jiġri mill-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem[34] u li, fuq kollox, ikun imbassar minn qabel minn persuna ta' dehen ordinarju[35] jew, għal anqas, jista' jigi evitat[36]. Min-naħa l-oħra, il-fatt li jitnissel minn forza maġġuri huwa li l-ġrajja tiegħu ma jista' jiqfilha ħadd[37]. Illi, fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-imħarrek jgħid li l-ħabta seħħet bla mistenni u li huwa sab ma' wiċċu qagħda li ħalqet emerġenza għall-għarrieda ('*sudden emergency*')[38] minħabba l-imġiba tas-sewwieq l-ieħor;

Illi huwa aċċettat li aċċident mhuwiex entità astratta, imma huwa fatt li jkun ġara kif inhu fix-xorta u l-entità tiegħu, jiġifieri "*event bl-inċidenti inerenti miegħu inkwantu minnu jidderivaw danni: il-kwestjoni m'hijiex biss ta' kawżalità, iżda wkoll ta' responsabbiltà, u min bin-negliġenza tiegħu ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża d-danni li jkunu ġraw, ikun ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża l-'aċċident' u pro tanto jkun responsabbli għalihom*"[39];

[29] Ara Dok. "RB" f'paġġ. 102 – 6 tal-proċess
[30] Ara Dok. JB" f'paġ. 110 tal-proċess
[31] Verbal f'paġ. 101 tal-proċess
[32] Art. 1031 tal-Kap. 16
[33] Art. 1029 tal-Kap. 16
[34] P.A. **17.5.1902** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech noe vs Gatt noe et*** (Kollez. Vol. **XVIII.ii.164**)
[35] App. Ċiv. **16.11.1942** fil-kawza fl-ismijiet ***Raymond noe vs Busuttil pro et noe*** (Kollez. Vol. **XXXI.i.554**)
[36] App. Ċiv. **14.1..1919** fil-kawza fl-ismijiet ***Azzopardi vs Arcicovich et*** (Kollez. Vol. **XXIV.i.172**)
[37] App. Ċiv. **7.6.1940** fl-kawza fl-ismijiet ***Borg Falzon pro et vs Darmanin pro et noe*** (Kollez. Vol. **XXX.i.869**)
[38] Nota ta' sottomissjonijiet tiegħu f'paġġ. 280 – 1 tal-proċess
[39] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)

Illi tajjeb li jingħad li, biex tkun tiswa x-xilja tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedem[40]. Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*"[41]. Fuq kollox, min jallega ċirkostanza bħal din, jaqa' fuqu l-piż li jipprova allegazzjoni bħal din;

Illi bl-istess mod, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu. "*Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part*"[42]. Għaldaqstant, ix-xilja tal-aċċident inevitabbli ma tistax titqajjem b'suċċess jekk kemm-il darba tirriżulta negliġenza min-naħa ta' min jinvokaha[43];

Illi f'dan ir-rigward, l-imħarrek jistrieħ fuq rapport imħejji minn espert *ex parte* mqabbad mill-assikuratriċi tiegħu li jitfa' l-ħtija fuq s-sewwieq tal-vann minħabba żewġ raġunijiet: l-ewwel, billi s-sewwieq tal-vann kien qed isuq b'veloċità eċċessiva (dik ta' 77 mil fis-siegħa) waqt li kien ħiereġ minn liwja u għaldaqstant ma kienx f'qagħda li jdur kif meħtieġ; it-tieni, il-ħabta kienet selħa bejn iż-żewġ vetturi ("*side sweep*") u mhux daqqa frontali[44];

Illi fis-sottomissjonijiet dettaljati tagħhom[45], il-kumpanniji attriċi jmeru l-konkluzjonijiet ta' dan ir-rapport għal numru ta' raġunijiet: l-ewwel, l-espert tqabbad mill-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek u għaldaqstant ma kienx indipendenti; it-tieni, l-espert qagħad fuq il-verżjoni mogħtija mill-imħarrek mingħajr ma ħa l-verżjoni tal-fatti tas-sewwieq tal-vann; it-tielet, li l-imsemmi espert injora għal kollox il-fatt li kien hemm xhieda oħra, lil hinn mis-sewwieqa taż-żewġ vetturi, li mingħandhom seta' jieħu verżjoni ta' xhieda li raw l-inċident kif ġara tassew; ir-raba', li l-inkarigu mogħti lill-imsemmi espert twettaq xhur wara li ġara l-inċident; il-ħames, li l-espert mexa fuq numru ta' assunzjonijiet mingħajr ma vverifika jekk dak li kien qed jassumi kienx minnu; is-sitta, is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li sabet fl-imħarrek il-ħtija għal dak li ġara;

Illi huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk

[40] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance vs Joseph Micallef et***
[41] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Belle McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.636**)
[42] Charlesworth Law of Negligence (2nd. Edit) pġ. 509
[43] App. Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et*** (mhix pubblikata)
[44] Ara "Dok. MB1" f'paġġ. 147 – 167 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Mario Buttiġieġ f'paġġ. 136 u 144 tal-proċess
[45] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 257 sa 264 tal-proċess

tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[46] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha.[47] Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[48] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[49];

Illi huwa wkoll miżmum li fil-każ li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, bħal ma huwa f'dan il-każ, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[50] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*.[51] Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[52];

Illi l-Qorti wara li qieset iż-żewġ verżjonijiet tal-partijiet u x-xhieda li tresqet quddiemha, tasal għall-fehma li l-verżjoni miġjuba mill-kumpanniji attriċi dwar kif seħħet il-ħabta għandha aktar għaliex toqgħod fuqha filwaqt li t-teżi tal-imħarrek dwar l-emerġenza għall-għarrieda ma treġix. Fl-ewwel lok, il-fatti li joħorġu mill-atti jagħtu kreditu lix-xhieda mressqa minn MSI f'dak li jirrigwarda d-dinamika ta' kif seħħet il-ħabta. Fit-tieni lok, iċ-ċirkostanzi li xehed dwarhom l-imħarrek innifsu (kemm fiż-żmien li ntalab jagħti l-verżjoni ta' x'ġara fi żmien qrib il-ħabta u wkoll matul is-smigħ tal-kawża) jixhdu li ma kienx fl-aqwa kundizzjoni fiżika li jżomm kontroll tal-vettura misjuqa minnu. F'dan ir-rigward, il-Qorti ttenni dak li bosta drabi oħra ngħad, u jiġifieri li hija regola ġenerali li kull sewwieq huwa mistenni li jħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri l-ewwel, li jirregola s-sewqan tiegħu skond iċ-ċirkustanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u t-tieni, li jżomm attenzjoni ("*proper look out*") dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih[53];

---

[46] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[47] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[48] Art. 562 tal-Kap 12
[49] Art. 559 tal-Kap 12
[50] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[51] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Catering Co Ltd***
[52] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe*** (konfermata fl-Appell fid-**19.6.2006**)
[53] Ara per eżempju, P.A. RCP **26.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd et noe vs Joseph Camenżuli*** (mhix appellata) ; u P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Stefan Bonello vs Carmelo Abela*** (mhix appellata), fost oħrajn

Illi, fit-tieni lok, għalkemm l-imħarrek jixli lis-sewwieq l-ieħor li kien qabeż il-korsija tal-karreġġata tiegħu, jidher ċar li l-istess imħarrek ma kienx xejn anqas ħareġ 'il barra mill-karreġġata li fuqha kien għaddej. Il-Qorti hija tal-fehma li kienet tkun storja oħra (li tinċidi ħafna fuq il-kwestjoni tal-ħtija tal-ħabta) li kieku s-sewwieq tal-vann kien beda jagħmel il-manuvra li jdur lejn il-lemin tiegħu biex jaqbad it-triq li twassal għat-telgħa "ta' Alla w'Ommu". Imma l-fatti juru li ma kienx għadu wasal sewwasew sa hemm x'ħin saret il-ħabta. Fit-tielet lok, mill-ġabra tal-provi, kien biss is-sewwieq tal-vann miż-żewġ sewwieqa involuti, li jidher li ipprova manuvra biex jevita l-ħabta: għall-Qorti, dan ifisser li l-imħarrek ma kienx qed jagħraf x'inhu jiġri madwaru sa ma seħħ l-impatt. Fir-raba' lok, għall-istess raġunijiet mogħtija mill-kumpanniji attriċi fis-sottomissjonijiet tagħhom, il-Qorti tqis li, minkejja l-ħila u l-esperjenza tal-espert imqabbad *ex parte* mill-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek, ir-rapport li tħejja minnu jħalli bosta tweġibiet miftuħa u tfassal f'kundizzjonijiet li ma jħallux lil din il-Qorti toqgħod fuqu b'moħħha mistrieħ;

Illi, fil-ħames lok il-Qorti tagħti piż lill-verżjoni tal-fatti kif mogħtija miż-żewġ xiehda Richard u Rebecca Rice, kemm matul is-smigħ tal-kawża u kif ukoll kif jirriżulta mir-*Road Accident Report* tal-24 ta' Lulju, 2004[54]. Min-naħa l-oħra, tqis il-verżjoni għal kollox xotta mogħtija mill-imħarrek lill-Pulizija li aċċeda fuq il-post tal-inċident[55] meta mqabbla mal-verżjoni ferm aktar dettaljata li l-imħarrek jagħti lill-espert forensiku xahrejn wara li ġara l-inċident[56];

Illi, fis-sitt lok, għalkemm il-Qorti mhix marbuta bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċeduri meħuda kontra l-imħarrek, wara li qieset il-fatti li nġiebu quddiemha, tasal għall-istess fehma li waslet għaliha dik il-Qorti, jiġifieri li għal dan l-inċident jaħti l-imħarrek minħabba sewqan eċċessiv;

Illi l-Qorti ma tqisx li huwa l-każ li, kif jistedinha tagħmel l-imħarrek fis-sottomissjonijiet tiegħu[57], iż-żewġ sewwieqa jinsabu t-tnejn ħatja ndaqs għall-ħabta. Din kienet tkun l-għażla tal-Qorti li kieku ma toħroġx ċara l-ħtija ta' xi parti jew ta' oħra. Imma fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, f'din il-ħabta ma jirriżultax li s-sewwieq tal-vann kien jaħti b'xi mod għall-ħabta;

Illi dan iwassal lill-Qorti biex issib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-ħabta u li huwa jrid jagħmel tajjeb għall-ħsarat li ġarbu il-kumpanniji attriċi. Għalhekk, l-**ewwel talba** attriċi hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa';

[54] Ara Dok. "JB" f'paġġ. 107 sa 111 tal-proċess
[55] *Ibid* paġ. 109 tal-proċess
[56] Dok. "MB1" f'paġġ. 177 – 8 tal-proċess
[57] F'paġġ. 284 – 5 tal-proċess

Illi, kif ingħad qabel, għal dak li jirrigwarda d-danni mġarrba mill-atturi ma hemm l-ebda kwestjoni bejn il-partijiet. Jirriżulta b'mod ċar li l-ammont pretiż minn MSI tassew tħallas lil ITSL u ddaħħlet b'surroga fil-jeddijiet li ITSL kellha kontra l-imħarrek minħabba l-inċident. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek ma jikkontestax it-telf li ITSL tgħid li ġarrbet minn nuqqas ta' użu li għamlet għaż-żmien li l-vann kien wieqaf minħabba li kien qed jissewwa. Il-pretensjonijiet ta' ITSL f'dan ir-rigward huma dokumentati[58] u maħlufa[59] u jirriflettu b'mod raġonevoli t-telf li hija ġarrbet sakemm dam jissewwa l-vann tagħha. Minn dawn il-provi, il-vann jidher li dam bla liċenza mill-1 ta' Settembru, 2004, sal-aħħar ta' Ġunju tas-sena ta' wara (li jġibu tliet mija u wieħed u erbgħin jum). ITSL uriet li, fiż-żmien li saret il-ħabta, il-vann kien jinkera bir-rata ta' tmintax-il Lira Maltin (Lm 18)[60] kuljum. Telf ta' din l-għamla mnissel min-nuqqas ta' użu tal-ħaġa huwa konsegwenza maħsuba mil-liġi fil-qafas tal-ħsara li jrid jagħmel tajjeb għaliha min jaħti ta' għemil negliġenti jew traskurat[61]. Dan il-prinċipju jitnissel mir-regola li r-risarċiment tad-dannu mġarrab minn għemil delittwali jrid ikun, kemm jista' jkun, wieħed reintegrattiv[62];

Illi meta tqis il-provi li tressqu minn MSI, il-Qorti ssib li d-danni mġarrbin minnha fil-kwalità tagħha ta' assikuratriċi ta' ITSL jinsabu pruvati u dokumentati tajjeb biżżejjed biex din il-Qorti tista' tilqagħhom. Fis-sewwa, dawn id-danni jikkonsistu fil-ħlas li hija għamlet lil ITSL taħt il-polza biex ikkumpensatha tal-vann assikurat. U hemm ukoll somma żgħira li hija ħallset lis-'*surveyor*' imqabbad minnha biex irrapportalha dwar il-ħsarat imġarrba mill-vann ta' ITSL involut fil-ħabta. Dawn iż-żewġt irjus ta' danni jitilgħu għal sittax-il elf tliet mija u ħamsa u erbgħin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€ 16,345.21). Dan huwa sewwasew is-somma li MSI talbet fl-Att taċ-Ċitazzjoni;

Illi, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni min-naħa tal-imħarrek, il-Qorti sejra tillikwida din is-somma bħala danni mġarrba mill-attriċi MSI għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi**;

Illi ITSL tressaq pretensjoni ta' kumpens għal dik il-biċċa mid-danni mġarrbin minnha fil-ħsarat li ġraw fil-vann tagħha li l-polza ta' assikurazzjoni ma kinitx tkopri minkejja li l-polza kienet waħda '*comprehensive*'. Din il-pretensjoni tirreferi għal dak li huwa msejjaħ l-'*excess*' (jiġifieri dak il-ħlas li l-assikurat irid jerfa' hu, minkejja li l-polza tkun tkopri s-sinistru assikurat). Ladarba MSI aċċettat li d-danni mġarrba mill-assikurata tagħha ITSL kienu mħarsa bil-polza ta' assikurazzjoni li kellha fis-seħħ, u wettqet ħlas fit-termini tal-istess polza, jiġi li l-fatt li ITSL kellha terfa' l-ħlas tal-'*excess*' ukoll huwa l-

[58] Dokti "AM2" u "AM3", f'paġġ. 19 – 20 tal-proċess
[59] Affidavit ta' Antoine Micallef f'paġ. 17 tal-proċess
[60] Li jġibu € 41.93 fi flus tallum
[61] Ara, b'eżempju, P.A. NC **30.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Xuereb vs Noel Caruana*** (mhix appellata) u P.A. GCD **12.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Bianchi vs Paul Galea*** (mhix appellata)
[62] App. Ċiv. Inf. PS **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Percius Car Hire Ltd vs Richard Schembri***

implimentazzjoni tal-imsemmija polza. Għalhekk, ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li l-imħarrek waħdu jaħti għall-ħabta u jrid jagħmel tajjeb għad-danni mġarrbin minn ITSL, din il-pretensjoni ta' ITSL hija mistħoqqa u għalhekk it-**tielet talba attriċi** sejra tintlaqa' u tillikwida d-dannu mġarrab minnha taħt din it-talba fis-somma ta' sitt mija u disgħa u disgħin euro (€ 699);

Illi, għar-rigward tal-pretensjoni ta' ITSL fir-**raba' talba** tagħha, din il-Qorti diġà tat il-fehma tagħha u ssib li hija waħda mistħoqqa. Għalhekk sejra tillikwida s-somma ta' erbatax-il elf mitejn u sebgħa u disgħin euro u sebgħin ċenteżmi (€ 14,297.70) bħala dannu mġarrab taħt din ir-ras li jikkonsisti f'telf ta' użu tal-vann tagħha tal-kiri sakemm dam jistenna ż-żmien li jissewwa;

Illi l-Qorti jifdlilha tqis l-**eċċezzjonijiet tal-imħarrek dwar il-kundanna għall-ħlas ta' mgħaxijiet** (it-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet). Marbuta ma' dawn, hemm ir-**raba' eċċezzjoni**. L-imħarrek jgħid li ladarba din hija azzjoni ta' danni, ma jistax jintalab iħallas imgħaxijiet fuq l-ammonti li l-Qorti tista' tillikwida favur l-atturi. B'żieda ma' dan, jgħid li ma jmissux jitgħabba bi ħlas tal-ispejjeż marbuta mat-tielet talba attriċi għaliex din hija żejda u seta' nġabar kollox taħt ir-raba' talba;

Illi kemm MSI u kif ukoll ITSL iwarrbu dawn il-pretensjonijiet tal-imħarrek. Huma jgħidu li (a) il-pretensjonijiet tagħhom għad-danni huma speċifikati fl-Att taċ-Ċitazzjoni u (b) li kien sewwasew għalhekk li ITSL firdet il-pretensjonijiet tagħha fit-tielet u fir-raba' talbiet tagħha;

Illi dwar il-kwestjoni tal-imgħaxijiet, joħroġ ċar mill-atti tal-kawża li, sa mill-bidunett, kemm MSI u kif ukoll ITSL ressqu talbiet b'ammonti determinati ta' danni pretiżi. B'dan il-mod, ma jistax ikun li s-sottomissjoni tal-imħarrek (li, fis-sewwa, jsemmiha biss fit-tielet u fil-ħames eċċezzjonijiet tiegħu u ma jerġax isemmiha fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-għeluq) dwar il-prinċipju li *in illiquidis non fit mora* ma jimxux imgħaxijiet għandha tintlaqa'. Il-Qorti bilkemm għandha għalfejn tgħid li, ukoll kieku kienet tiswa għall-każ tallum, il-massima msemmija mill-imħarrek hija r-regola, iżda huwa wkoll magħruf li dik il-massima m'hijiex xi regola assoluta[63] u tippermetti eċċezzjonijiet. Kemm hu hekk, qorti tista' tinjoraha meta b'dan il-mod ikun qiegħed jingħata vantaġġ lill-parti debitriċi li jkun bi ħtija tagħha li l-likwidazzjoni ma tkunx setgħet issir qabel[64];

Illi għalhekk, fil-każ tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi sejra tordna li jgħaddi imgħax ladarba dawk it-talbiet kienu jsemmu somom li, bħala fatt, din il-Qorti

---

[63] P.A. GV **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Ltd vs Paolo Bonnici Ltd.***

[64] Ara Giorgi *Delle Obbligazioni*; u wkoll App. Ċiv. **23.6.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona pro et noe vs Asphar et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.181**)

qiegħda tilqagħhom fis-sħiħ. L-imgħax għandu jibda jgħaddi mill-11 ta' Jannar 2006[65], li tidher li hija d-data meta l-imħarrek laqa' n-notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni;

Illi fil-każ tar-raba' talba attriċi l-kwestjoni tiegħu xejra oħra. F'dik it-talba, ITSL ma kienet qatt għadha illikwidat somma ta' danni mġarrba minħabba nuqqas ta' użu tal-vann. Anqas u anqas kienet interpellat lill-imħarrek iħallasha. Il-likwidazzjoni qiegħda ssir bis-saħħa ta' din is-sentenza. Hawnhekk, ir-regola msemmija mill-imħarrek jistħoqqilha tkun applikata. Dan ifisser ukoll għaliex l-attriċi ITSL għamlet sewwa li ma ġabritx il-pretensjonijiet tagħha taħt it-tielet u r-raba' talbiet f'keffa waħda. Dan ifisser ukoll għaliex, fil-fehma tal-Qorti, ir-raba' eċċezzjoni tal-imħarrek mhijiex tajba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-imħarrek waħdu kien jaħti għall-inċident li seħħ nhar l-24 ta' Lulju, 2004, fi Triq il-Kosta, Naxxar bejn il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni STF 975 misjuqa minnu, u l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HVY 009 misjuqa minn Mario Briffa, iżda proprjetà tal-kumpannija attriċi Islander Tourist Services Limited;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill- kumpannija attriċi Middlesea Insurance p.l.c. l-ammont ta' sittax il-elf, tliet mija ħamsa u erbgħin euro, wieħed u għoxrin ċenteżmi (€16,345.21) minnha mħallsa bis-saħħa tal-polza ta' assikurazzjoni u rappreżentanti d-danni konsegwenzjali mġarrba bħala riżultat ta' l-inċident, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-11 ta' Jannar, 2006 sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi Islander Tourist Services Limited is-somma ta' sitt mija disgħa u disgħin euro (€699), rappreżentanti d-danni minnha mħallsa bħala ħlas '*excess*' skond il-polza ta' assikurazzjoni wara l-inċident, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-11 ta' Jannar, 2006 sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' r-raba talba attriċi** u tillikwida id-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi Islander Tourist Services Limited fl-ammont ta' erbatax-il elf, mitejn sebgħa u disgħin ewro, u disgħa u sittin ċenteżmi (€14,297.69) rappreżentanti telf ta' qligħ min-nuqqas ta' użu tal-vann tagħha bin-numru tar-reġistrazzjoni HVY 009 bħala riżultat tal-inċident;

[65] Ara r-riferta f'paġ. 9 *tergo* tal-proċess

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi Islander Tourist Services Limited l-ammont ta' erbatax-il elf, mitejn u sebgħa u disgħin ewro, u disgħa u sittin ċenteżmi (€14,297.69) minnha mġarrba;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-imħarrek iħallas **l-ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk marbuta mal-ittri uffiċjali imsemmija fl-Att taċ-Ċitazzjoni, u l-imgħaxijiet legali ulterjuri.

**Moqrija.**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**29 ta' Novembru, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**29 ta' Novembru, 2018**